# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IS 27 TA JANNAR, 1914. NRU. 101.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCI-ISKOF ISKOF TA MALTA.

## Manietiżmu...

I. (*)

Issa li ħareġ moda, bħall lbies imkaċċat tan-nisa u bħall cpiepel biċ-ċoff aħdar taż-żgħażaħ tagħna, tajjeb li ngħidu chelmtejn fuku. Jecc mhux ħaġ'oħra biex tifhmu aħjar dac li takraŭ fil *Cors xientificu* tiegħu u dac li taraŭ biħ fit-teatrini! Ngħidu aħna, niżfnu mad-dakka.

X'in hu, mela, dan il *manietiżmu*, jeŭ *ipnotiżmu*, jeŭ *sonnambuliżmu*, jeŭ dac li tridu issemmuħ intom, għax, fl'aħħar mill'aħħar, m'humiex ħlief Xricu u Bricu.

«*Manietiżmu* — igħid il Pedrocchi għal daŭc li ma għandhomx żmien x'jitilfu f'*Cors xientificu* — u igħidu fl'actar Dizziunariu mudern tal lingŭa taliana— *hi is-setgħa tal calamita, li tissejjaħ ucoll maniete; u għadu ħadd ma jaf chif tiġri din is-setgħa. It-tobba taż-żmien li mgħoddi chienu igħidu li bil manietiżmu ifieku xi mardiet. Għerf li biħ, scond xi uħud, isiru ħŭejjeġ tal għageb billi jiġbdu lejhom u irakkdu il gisem tal bniedem: għerf emmnut minn tiżŭika nies u miċħud minn bosta....*»

U sa haŭn collox seŭŭa!

L'*ipnotiżmu,* mbagħd, ma ifissirx ħaġ'oħra ħlief li «*ŭieħed irakkad ieħor billi juriħ kuddiem għajnejħ ħŭejjeġ ilekku;*» u is-*sonnamboliżmu*, li bil Malti ngħidulu *ħmar-il-lejl*, ifisser li «ŭieħed *jimxi rieked*» (gej mil chelmiet SONNO—*ngħas*—u AMBULO—*nimxi).* Id-differenza, mela, bejn l'*ipnotiżmu* u is-*sonnambuliżmu* hi din biss: li is-*sonnambuliżmu* hu *ħmar-il-lejl* li jigi ŭaħdu fir-rkad u l'*ipnotiżmu* hu *ħmar-il-lejl* ta ŭieħed imrakkad bis-sengħa (jeŭ *għerf,* jecc tridu issejjħulu hecc) tal *manietiżmu*.

Imma, chif nafu ilcoll, għax haŭn bosta min ibati biħ (mita conna għadna tfal is-Seminariu, ŭieħed minn sħabna, li għadu ħaj u mimli bil għomor, chien jatiħ cull jum) dac li jatiħ il *ħmar-il-lejl* mhux biss jimxi rieked, imma jilbes, jixgħel ix-xemgħa, jitchellem, iŭiegeb għal dac li jistaksuħ, jinżel it-taraġ u jitla, imur igib oggetti minn cmamar oħra, ikiegħed il pipa f'ħalku u ipejjep, saħansitra icanta; u mita jistenbaħ, b'dan collu ma icun jaf xejn. Dan rajnieħ b'għajnejna f'min chien jatiħ il *ħmar-il-lejl* ŭaħdu, bla ma chien irakkdu ħadd bil *manietiżmu*; u hemm stejjer ta *sonnambuli*—per eżempiu, bħal dic ta Francesco Soave—li għandhom igħaġġbuc: ġuvni impiegat fi spiżerija chien jatiħ il *ħmar-il-lejl* malli chienet tmur għajnu biħ, chif chien icun jistenna fuk siġġu f'rocna il ħin tal għeluk, biex imur lejn id-dar; u, dejjem rieked, chien ikum minn fuk is-siġġu, imur kuddiem il banc, jibda iħallat id-duŭa għar-ricetti li icollu lesti għal fil-għodu u saħansitra jidħol geŭŭa, ikabbad in-nar u isajjar il mistura, bla ma jiżbalja katt. Darba, fost l'oħrajn, it-Tobba, li fil-għaxija chienu jingabru hemm biex ikattgħu siegħa bejniethom, chitbulu ricetta ħażina għal t'apposta; u, malli giet f'idejħ minn kalb l'oħrajn, li chienu ħaŭŭduhielu maħħom, u kraha fid-daŭl tal lampa, bida igħajjat li ma iridx iserviha, għax fiha żball oħxon...Imma dac ma chienx *ipnotiżmu*! Chienet marda! U daŭc it-Tobba, f'lôc ma kagħdu jisserveŭ biħ, spiċċaŭ biex fejjkuħ minnha, li ma taħx actar il *ħmar-il-lejl.*

L'*ipnotiżmu*, bħalma għidna, jicconsisti filli ŭieħed irakkad lil dac li icun, biex, imbagħd, hu u rieked, jagħmel ħŭejjeġ bħal daŭn li semmejna! U chiecu, sa haŭn, fiha u ma fihiex!

Imma li Mgħallmin tal *ipnotiżmu* igħidu li, mita irakkdu ŭieħed, iġagħluħ jagħmel cull ma iridu huma; u bis-setgħa tal *manietiżmu* jieħdu tant lâla fuku, li, għalavolja ŭara li jistenbaħ, għalavolja ġranet ŭara u saħansitra xhur, jagħmel cull-ma icunu ordnaŭlu mita chien imrakkad minnnhom taħt il kaŭŭa tal *ipnotiżmu*.... Jecc, per eżempiu, irakkduħ illum; u, chif icun rieked, igħidulu: «pitgħada, fit-tmienja u nofs ta fil-għodu, imur israk candlier mit-tieni artal tan-navi tal lemin ta *San Ġŭann;*» jeŭ, ftit actar ħoxna, «bħal għada tmien ti jem, fid-disgħa nieksin ftit minuti, oktol, b'dakka ta stallett, li Mħallef.... chif icun dieħel il Korti;» dac l'imsejchen, għad li fil ħin tad-delitt ma icunx rieked, imur jagħmel hecc, għax, f'dakka ŭaħda, chif jasal il mument tiegħu, iħoss bħal ħaġa tiġbdu (il *maniete*, forsi—il *calamita*, biex nifthemu aħjar), li, irid jeŭ ma iridx, imur jisrak, jeŭ joktol, jeŭ jagħmel cull ħaġa ħażina oħra li icun ordnalu dac li rakkdu bl'*ipnotiżmu*....(*)

U, chif sgurana il Professur Capuana, mita għadda, xi sentejn ilu, minn Malta, dan fi Skallija ġara iżjed minn darba!

Inħallu, mela, fil genb il qŭistioni jecc il Cnisja tistax tgħaddi b'xierkin il cotba u id-divertimenti li igħallmu daŭn il ħŭejjeġ (*għerf* jeŭ *sengħa* x'in huma); u naktgħu barra ucoll, biex ma nidħlux fi dmir ħadd ieħor, jecc għandhiex tippermettihom il Lîgi. Insaksu biss: Jecc dan jista' tas-seŭ jiġri, hi onestà u irġulija li ngħallmu chif jista' jiġri?! ...

Nistħajjlucom tŭieġbuna li min jagħmel l'*ipnotiżmu* bi scôla jeŭ b'divertiment, mhux sejjer jasal sa haŭn, mhux sejjer jiccmanda lil dac li mrakkad minnu biex imur jisrak, jeŭ joktol, jeŭ jagħmel xi briccunata oħra! U aħna ngħidu bħalcom. Imma, jecc, maż-żmien, jixterdu bosta daŭn li scôla u divertiment tant ħfief, li, chif igħidu l'*appostli*

(*) B'dan in-numru irridu nħabbru li fuk il *Manietiżmu* (jeŭ *Ipnotiżmu*, jeŭ *Sonnambuliżmu*, jeŭ *Chiaroveggenza*, jeŭ *Fascinazione*, jeŭ *Suggestione*, jeŭ *Emipnosi*, jeŭ *Dualità cerebrale*, jeŭ xi 'l mniefaħ iridu isejjħulu) bi ħsiebna nictbu jeŭ insibu min jictbilna actar minn articlu, u tnejn, u tlieta. Dan tal lum m'hux ħlief l'esordiu, li ġabbarna aħna mill'aħjar li stajna: imma il gimgħa id-dieħla nakalbu bil Malti, jecc Alla jogħġbu, dac li chiteb, bħala *Daħla* għall ctieb imsejjaħ *L'ipnotiżmu raġa moda*, il Patri Geżŭita FRANCO—u nakalbuħ chelma b'chelma. Dan il ctieb imsemmi mad-dinja, barra li ħareġ xi tmin darbiet bit-talian, giè maklub bl'ingliż, bil franciż, bil germaniż, b'li spaniol u bil portughiż; u naħsbu li, bejn *Giulio Belfiore* u *Patri Franco*, l'ebda *Medicinæ Doctor*, jecc ma icunx Cattolicu li actar jemmen bit-*Teologia tal Morselli* jeŭ b'ta San Tumas D'Aquino, ma jista' jitniccher biex jagħmel il għażla tiegħu.

(*) BELFIORE—*Magnetismo e Ipnotismo*—faċċata 88: «Il Sonnambulo (*ipnotizzato*) gli si può ordinare qualunque azione criminosa, di rubare, di uccidere; e, se non lo si trattiene, mette in atto gli ordini ricevuti.»

## Akraû! Akraû!!

## Aħbar...

Bil ħarġa tat-tlieta ta frar, nidħlu fit-tielet sena tal *Ħabib*; u il Cumitat tal *Unioni Cattolica* sejjer icabbru daks li hu ieħor.

Li *Msieħbin* jibkgħu iħallsu xorta ŭaħda: *tliet xelini fis-sena*, **bl'erba' xhur kuddiem**—jigifieri natuhom id-doppiu b'xejn. Imma il *Ħabib*, mit-tlieta ta frar il-kuddiem, jibda jinbieħ **sold**.

*Mela, issa min jissieħeb icollu vantaġġ cbir fuk min jixtriħ mit-triek.*

Ir-raba faċċata tal *Ħabib* tcun bl'*Avviżi* ta cull xorta, basta mgħoddijin mid-Direttur tiegħu; u min irid jibda igib xi *Avviż* fiħ jaħtieġ li ifittex jitchellem mas-Sur Andrè Muscat (strada Sant'Orsla, numru 213).

biex ticcuntenta lill mistiednin, li ma riedux jisctu iżjed mill'applaŭsi. Hecc ċchejcna mis-snin u hccc cbira mil ħila, gêniu tal mużica magħruf barra mid-daŭra ta din il Gżira u tifla innucenti, min sata' isellem aħjar minnha lill Verdi fl'isem ta Malta?...

Il Cumitat ta *La Vallette* chien ixxortjat li Missierha, għad li jibża' għaliha daks il mimmi ta għajnejħ, għad li katt ma ħalliha iddokk imchien ħlief fl'Accademji tiegħu, ma satax, b'dic il kalb ta Surmast magħġuna f' li scôla ta Gounod u ta Massenet, b'dic iddinjità ta Artista innamrat mil Gêniu cull fejn jinsab, jiċħad il kima tiegħu lill Giuseppe Verdi! U ma ċaħadhiex! U il pianuforti, mimsus minn daŭc l'idejn ta Anġlu, samma ħleŭŭiet tal Genna!

Chemm jidher iżjed il cobor ta Listz u ta Verdi, mita isibu pianista cbira daks Bice Vassallo! Alla iseddakha dic it-tifla, l'eŭŭelnett għall gieħ taħħa, imbagħd għall gieħ ta Missierha li għallimha iddokk hecc u fuk collox għall gieħ tagħna ilcoll, għax Malta, fiċ-ċocon taħħa, tista' tiftaħar li tât lid-dinja ŭaħda mill'acbar pianisti.

Il festa spiċċat bi trattament, li fiħ il Cumitat giè mfaħħar minn cull-ħadd għall'imgiba sabiħa tiegħu

## Ma dûarna.

—Jecc, bil għajnuna t'Alla, Monsiniur Canôncu Dun Anton Vella, D.D., Professur tat-Teologia u Rettur tas-Siminariu (jeŭ, biex ngħiduha chif jifhimna cull-ħadd, *Dun Anton ta ħal Lija*), jissocta jagħmel, chif ŭiegħed, il *Cunferenzi religiusi* fil Palazz Caraffa, għall'Imsieħbin tal *Unioni Cattolica* —u sa 'ssa diġà għamel tnejn—tafu x'icun ġara f'min jisimgħu, ngħidu aħna, tmin darbiet ŭara xulxin? .. Icun ġara li għaliħ għal-xejn jitkassmu daŭc il *libretti* u daŭc il *carti* li haŭn jiġru fl'idejn, mictubin mil Protestanti contra is-Setgħa tal Papa, contra il Krar, contra il Purgatoriu, contra is-Santissimu Sagrament tal Artal, u mogħtijin b'xejn lill boloħ jeŭ mitfugħin, fid-dlam tal lieli, ŭara il bŭieb tad-djar u fit-tokob tal *Letters!* Icun ġara li għaliħ, jigifieri għal min icun sama' daŭc il *Cunferenzi* ta Monsiniur Vella, għal-xejn f'certi Cażini u f'certi Hŭienet jingiebu daŭc iddiscorsi tal ereżija u jintgħadu daŭc il għarucażijet contra is-Sacerdoziu Cattolicu minn min hu mibjuħ b'ruħu u gismu għal dic is-sengħa ŭaħxija u faħxija! Għax *Dun Anton ta ħal Lija*, b'dac il għerf, b'dic il ħabta, b'dic il ħleŭŭa, b'dic il ħrara, b'dic il chelma maltija, ċâra u sgura, daks chemm hi għôlja u imtarrfa, li mil fomm tinżel fil kalb u mil kalb tinfed fil moħħ, mnejn imbagħd tfarraġ ir-ruħ u iddaŭŭalha bis-seŭŭa t'Alla, igib il cull-min jisimgħu, għalavolja jecc icun dgħajjef mit-tagħlim jeŭ ma tantx jilħaklu, capaci jifhem malajr il kerk u il ħażen li bihom icunu iridu ibixcluħ l'egħdeŭŭa tal Cnisja Cattolica u il ħuttaba taħħom!—Hecc kâl cull-ħadd, fit-18 ta dan ix-xahar, mita Monsiniur Vella għamel it-tieni *Cunferenza* tiegħu, fejn ŭira *chif Sidna Gesù Cristu hu Alla u Bniedem*. U hecc hu. U icun dnub cbir, f'daŭn iżżmienijet coroħ, jecc hu ma jissoctax il *Cunferenzi* tiegħu, tal-inkas darba fix-xahar, u jecc is-sala ma tcunx dejjem mimlija bħal bajda. Dic il *Cunferenza* ta siegħa sħiħa daħlet tant f'kalbna, li aħna, chiecu chienet ħaġa li tista' tcun fiċ-ċocon tal *Habib*, għad għandna il ħila ntennuha, pont b'pont, mill'eŭŭel sal aħħar!

—Niżżu-ħajr lis-Sur Andrè Muscat, li għogbu jirrigalalna il *Gŭida* tas-sena li aħna fiha: *Gŭida* sabiħa tas-seŭ, maħduma b'rekka cbira u tal fejda għal cull xorta ta nies: *Gŭida* li tagħmel onur lill' *Uffizziu tal Malta Herald*, li fiħ giet maħduma. Ma imissux icun haŭn Malta u Għaŭdex scrivanija li ma tinsabx fukha dic il *Gŭida*. Imma, billi cull-ħadd iħobb jiġbed in-nar lejn ixxaŭŭata tiegħu, irridu ngħidulu li daŭc innofs tużżana gażetti li semma fil faċċati 342 u 343 tal *Gŭida* m'humiex *li Stampa Maltese*, iżda *xi uħud mil li Stampa Maltese*, għax din għandha ŭisk iżjed frieghi—frieghi li, għad li mhux bl' Ingliż, imma bit-talian u bil Malti, jafu iżommu il leŭn taħħom daks ħadd ieħor, ngħidu biss *daks ħadd ieħor*; u m'hux seŭŭa li mita il barranin ifittxu fil *Gŭida ta Malta u Għaŭdex* chemm haŭn gażetti f'daŭn il gżejjer, ma isibux mill'erbgħa ŭaħda taħħom!

—Niżżu-ħajr ucoll lis-Sinjuri *Seychell Brothers* (Strada Mercanti, numru 193), tal Almanacc li bagħtulna: Almanacc ħelu ħafna u adattat biex jiddendel f'cull xorta ta Uffizziu.

—Ir-Reverendissimu Capitlu tal Catidral, f'lakgħa li chellu nhar it-tnejn tal gimgħa l'oħra, iddecida li, fil 11 ta frar li gej, icanta f'*San Ġŭann*, ŭara il Puntifical, *Te Deum* sollenni, b'ringrazziament ll'Alla f'għeluk il 25 sena li Monsiniur Arci-Iskof Paċ ilu Iskof ta Malta; u, imbagħd, chif Monsiniur icun għadu fuk it-Tron tiegħu, jakralu *Indirizz* ta ferħ bil Latin. Għat-*Te Deum* icunu mistiednin is-Superiuri u il Cbarat, chif in hu soltu isir f'daŭn l'occażjonijet.

—Fl'aħħar articlu tal Professur Tagliaferro ħarget il chelma *egħrejjen* f'lôc *egħrejjex*, plural ta *għarix*. Biex tifhmu aħjar, akraŭ hecc: «Iż-żir tas-Sakkajja ma għandux x'jaksam ma l-egħrejjex li chienu jgħammru fihom in-nies eŭlenin kabel ma bdeŭ jibnu id-djar.»

—Nirringrazziaŭ lill Cumitat tal *Filarmonica Cittadina King's Own*, li minn ġdid għogbu jistedinna għall Ballu li chellu nhar il ħadd li għadda, fit-8 u nofs ta fil-għaxija.

—Chemm hu sabiħ, chemm hu għoli fil ħsieb u ħelu fil cliem, l'*Inno a Malta* li chiteb, fi dħul din is-sena, il Professur Ramir Barbru! M'humiex ħlief sittax il *Senariu-doppiu*: u, mita tixtarrhom tajjeb, issibec donnoc krajt dac collu li ŭieħed għandu igħid lill maħbuba Gżira tagħna! L'erbgħa u sebgħin sena li igħodd il Professur Barbru ma xejħulux għajr il gismu: moħħu, kalbu u ruħu għadhom żgħażaħ daks mita, f'april tas-sena 1876, chiteb dac l'*Innu lill Prince of Wales* li katt ma jista' jintesa. Il ħsiebijet minsuġa f'versi taddeheb imdeŭŭeb joħorġu jiġru mil pinna tiegħu bħal nixxiegħa l'actar sâfja minn xmara mfaŭŭra bl'ilma ħelu! Gieħ u kima lill għażiż Mgħallem tagħna! Mhux x'jidhrilna minn daŭc il versi, irridu ngħidulu (chif hu talabna bi tieba cbira): irridu ngħidulu:

*tu, Padre, ci svegli—di patria all'onor.*

## Aħbar għal tal Unioni.

Il cotra cbira ta soci, li geŭ tliet tiħdud ilu għal Conferenza Religiusa ta Mons. Vella, għamlu il kalb lil Cumitat, u illum iħabbar għal *Hadd li gej, fil għaxra u nofs ta filgħodu*, Conferenza Xientifica, chif jaf jagħmilha Dun Carm Psaila, is-surmast tal iscola għat-tfal tal Unioni. Jien ma nokgħodx ngħidilcom ħafna cliem biex nħajjarcom tiġu, biss nagħmel magħcom da'l patt, li jecc minn ŭara ma tirringrazziaŭnix, f'idejcom chif titħallsu minni talli klajtcom minn darcom. Minn barra it-tagħlim tar-Religion li jinħtieġ bil bosta, u l'actar illum li haŭn ħafna mdaŭlin, (għajb li daŭn ma dehrux kabel u ħalleŭna fid-dlam sa'llum) hemm tagħlim ieħor, u aħna il kassisin, li dejjem fittixna li nħallu il poplu injurant, għax inclelè jitlakna, ridna chiecu nferrkuh bejn daŭc, li ma jixtiekux icunu magħdudin man-nies li għadhom l'ura. Fiż-żminijet tagħna l'injuranza tagħmel għajb lil min icun, għax illum ma jitgħallimx min ma iridx u ebda scuża ma jista igib biex jgħatti l'injuranza tiegħu. Mela, nhar il Hadd li gej, l'eŭŭel ta Frar, fil għaxra u nofs ta filgħodu, ilcoll għal Unioni għal Conferenza Xientifica ta Dun Carm Psaila. Min ma idukx, ma icunx jaf jecc ħażin jeŭ tajjeb. Jecc is-soci icunu iridu igibu magħhom oħrajn mux soci, merħba bihom dejjem.

DUN PAŬL.

## IMĦABBA!...

Għad illi xtakt, għalchemm fittixt u cotba
Ta cull chittieb kallibt, imsejchen jena,
Katt ma stajt nifhem, katt, x'in hija seŭŭa
Il chelma mħabba!

X'uħud igħidu li ma hix ħaġ'oħra
Ħlief genn, sħana fil moħħ u'l kalb u bluha;
M'hix ħlief duħħan u tas-sapun bużżieka
Tlellex u fiergħa!

Igħidu oħrajn li 'l kalb mingħajr imħabba
Ma tistax tgħix, bħal xitla bla tiskija:
Għalchemm tcun trid, tixtiek issib il hena
Katt ma tcun hienja!

X'uħud, għorrief ucoll, sejħulha marda
Ħarxa fil kalb l'imħabba, li ma tfiekx;
Marda li tifni 'l bniedem sħiħ u tŭasslu
Sa geŭŭa 'l kabar.

Ġrajjiet inchitbu fuk cull gens, fuk Slaten
Li daŭn ħabbeŭ ulied il fkir bit-telfa
U għall'imħabba naksu ŭisk minn dmirhom
B'għajb cbir tad-dinja!

U b'dana collu katt ma stajt nifimha,
Kalbi ma chienet ħabbet katt ħlief l'ommi
Li jena tlift u infnejt imħabba fiha,
Katt ma sibt sabar!

Iżda minn ftit il-haŭn insejt in-nichet
Li chien ġo kalbi traŭŭam bil meŭt t'ommi,
Għaliex intkajt ma kalb li lili saħħret
Tilfitni urajha.

Illum li nħobb imradd, migħun inħossni
U f'dakka fhimt chif ŭieħed għall'imħabba
Jitlef il hena tiegħu, għal ftit hena,
Il ġmiel ta ħajtu!

Fhimt chif il kalb tinfena, chif il bniedem
Mitluf bli mħabba jista jagħmel collox!
Chif is-Sultan milkut mill ħarxa mħabba
Jitlef sa gieħu!

Chemm chien aħjar għalija 'ż-żmien ta kabel!
Chemm cont imsabbar mita cont fin-nichet!
Chemm cont inħossu ħelu geŭŭa kalbi,
Id-dmuħ tal firda!...

Oh! mħabba, mħabba! Għala iggib il ħasra? !
Jecc int, ja kalb, trid tħobb u tcun fil hena,
Hares il-fuk u ħobb lil min tac kalbec,
Li stess Imħabba!

15. I. 14. G. ARENA.

## Minn gimgħa għal oħra.

*17 ta Jannar.* Ilbieraħ għamel ġurnata xita, li ħjet ir-raba u henniet kalb il bidŭi. Imma għal filgħaxija kam riħ tal biża, li dam jonfoħ il-lejl collu, u kaċċat bosta sigar u kata xi dgħajjes, li għamlu il ħsara, għax il baħar kam ucoll. Il-laneċ tar-roti tal Armirall chellhom ħin bla ŭakt jerħu mil bagħi biex jatu l'ajjut lil vapur *City of Glasgow* li kata ucoll u satgħet tcun bi cbira li ma chienux daŭc. Imma ŭara collox il ħsara li chienet kuddiem il gid li għamlet ix-xita ankas m'hi ta min ikisha — Meta jagħmel riħ kaŭŭi bħal dac tal Ibieraħ,għandu

